

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

21.11.2007

B6-0484/2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni
skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura
minn

Nirj Deva f'isem il-Grupp PPE-DE

Corina Crețu f'isem il-Grupp PSE

Thierry Cornillet f'isem il-Grupp ALDE

Ryszard Czarnecki f'isem il-Grupp UEN

Margrete Auken f'isem il-Grupp Verts/ALE

Luisa Morgantini f'isem il-Grupp GUE/NGL

Jens-Peter Bonde

dwar il-proklamazzjoni ta' Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proklamazzjoni ta' Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-konsensus li ntlaħaq mill-Kunsill għall-Kwistjonijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tad-19 u l-20 ta' Novembru 2007 dwar 'Stqarrija Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri imlaqqgħa fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar il-Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja';
 - wara li kkunsidra t-Trattat ta' Riforma li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, kif miftiehem fil-Kunsill Ewropew f'Liżbona fit-18 u d-19 ta' Ottubru 2007, li rrikonoxxa l-għajnuna umanitarja bħala qasam tal-politika ta' l-UE bis-saħħa tad-dritt tagħha.
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Novembru 2007 dwar Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li għall-ewwel darba il-Kunsill, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri mlaqqgħa fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni qablu li jiddefinixxu viżjoni komuni, objettivi komuni għall-politika u prinċipji komuni għat-twassil aktar effettiv ta' għajnuna umanitarja ta' l-UE f'pajjiżi terzi;
 2. Japprova għaldaqstant id-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri imlaqqgħa fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea: 'Il-Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja';
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.